MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA
## (Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali)

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tal-5 ta' Lulju, 2023

Rikors Kostituzzjonali Numru 253/2022 LM

**Andrew Galea (K.I. nru. 0361745(M))**

***vs.***

**L-Avukat tal-Istat**
**Leslie Brincat (K.I. nru. 0079772(M)) għal kull interess li jista' jkollu**

**Il-Qorti,**

1. Rat ir-Rikors Kostituzzjonali mressaq fl-24 ta' Mejju, 2022, mir-rikorrent **Andrew Galea (K.I. nru. 0361745(M))** [minn issa 'l quddiem 'ir-rikorrent'], fejn issottometta dan li ġej:

*"Jesponi bir-rispett u jikkonferma :*

1. *Ir-rikorrent huwa s-sid tal-proprjetà ossia l-fond 86, 'Moon', Triq il-Polverista, Bormla (Dok. 'A') illum 14, Triq Sunny Micallef, Bormla.*
2. *L-inkwilin Leslie Brincat ilu jokkupa il-fond surriferit għal żmien twil taħt titolu ta' kera stabbilit u miżmum taħt id-disposizzjonijiet tal-Kapitolu 69, senjatament l-artikolu 3, flimkien mad-disposizzjonijiet tal-Att X tal-2009, senjatament l-artikolu 1531Ċ tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.*

3. *Illi għalhekk l-intimat baqa' jgawdi kirja sfurzata fuq is-sid u jħallas biss kera ta' €209.63ċ fis-sena (Dok. 'B'), illi hija dik il-kera massima li jipprospetta l-artikolu 1531Ċ tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, mingħajr ma nżamm il-proporzjoni bejn id-drittijiet tas-sid u dawk tal-inkwilin. Ma hemm l-ebda dubju illi din hija kera baxxa, speċjalment ikkunsidrat dak li l-proprjetà kapaċi iġġib fis-suq miftuħ.*

4. *Illi huwa stat ta' fatt illi d-disposizzjonijiet tal-Kapitolu 69 tal-Liġijiet ta' Malta, tal-anqas qabel daħal fis-seħħ l-Att XXIV tal-2021, ta d-dritt lill-intimat Galea li jibqa' jgħix fil-fond suriferit minkejja li skada t-terminu lokatizju, b'kera irriżorja li ma tirriflettix is-suq u lanqas żżomm bilanċ bejn id-drittijiet tas-sid u dawk tal-inkwilin, bl-uniku awment permessibbli jkun dak skont ir-rata ta' inflazzjoni kif determinata mill-Awtoritajiet Governattivi. Dan irriżulta għal relazzjoni sforzata ta' sid u inkwilin għall-perijodu indefinit.*

5. *Illi b'dan il-mod, ir-rikorrenti ġie mċaħħad mit-tgawdija tal-proprjetà tiegħu, mingħajr ma ġie mogħti kumpens xieraq għat-teħid tal-pussess tal-istess fond. Għaldaqstant ġie privat mill-proprjetà tiegħu bi ksur tal-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem.*

6. *Il-livell baxx ta' kera, l-istat tal-inċertezza tal-possibilità tat-teħid lura ta' propjetà, in-nuqqas ta' salvagwardja proċedurali, iż-żieda fil-livell tal-għejxien f'Malta f'dawk l-aħħar deċimi u l-interferenza sproporzjonata bejn id-drittijiet tas-sid u dawk tal-inkwilini ikkreaw piż eċċessiv fuq ir-rikorrenti.*

7. *Għalhekk fil-fehma umili tar-rikorrenti, d-drittijiet tiegħu ġew miksura l-Ewwel Artikolu ta' l-Ewwel Protocol tal-Konvenzjoni Ewropeja u konsegwentement għandu dritt jirċievi kumpens stante illi huwa ġie privat, mingħajr ma ngħata kumpens ġust għat-tgawdija tal-proprjetà tiegħu.*

***Għaldaqstant ir-rikorrenti jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti prevja kwalsiasi dikjarazzjoni neċessarja u opportuna u għar-raġunijiet premessi jgħidu l-intimati għaliex m'għandhiex****:*

1. *Tiddikjara u Tiddeċiedi illi per konsegwenza tal-Kapitolu 69 tal-Liġijiet ta' Malta kif applikabbli qabel id-dħul fis-seħħ tal-Att XXIV tal-2021, inkluż tal-artikolu 3 tal-istess Kapitolu fil-liġi, u/jew minħabba l-Att X tal-2009, ġew u vjolati d-drittijiet tar-rikorrenti għat-tgawdija tal-proprjetà tiegħu ossia l-fond numru 86, 'Moon', Triq il-Polverista, Bormla, illum 14, Triq Sunny Micallef, Bormla, bi vjolazzjoni tal-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropeja (l-Ewwel Skeda tal-Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta);*

2. *Tiddikjara u Tiddeċiedi illi l-intimat l-Avukat tal-Istat huwa responsabbli għall-kumpens u danni, li jinkludi danni non-pekunjarji, sofferti mir-rikorrenti b'konsegwenza tal-operazzjonijiet tal-liġijiet suċċitati fit-talba preċedenti;*

3. *Tillikwida l-istess kumpens u danni bil-ħatra ta' perit nominandi;*

*4. Tikkundanna lill-intimat Avukat tal-Istat jħallas l-istess kumpens u danni likwidati;*

*5. Tagħti dawk ir-rimedji kollha meqjusa xierqa;*

*Bl-ispejjeż u l-imgħax legali kontra l-intimati li minn issa huma nġunti għas-subizzjoni."*

2. Rat ir-Risposta tal-intimat **Avukat tal-Istat** [minn issa 'l quddiem 'l-intimat Avukat tal-Istat'], li ġiet ippreżentata fl-24 ta' Ġunju, 2022, fejn ingħad kif ġej:

*"Jesponi bir-rispett:*

*1. Illi permezz tar-rikors promotur, ir-rikorrent qiegħed jallega li bl-operazzjoni tal-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta kif applikabbli qabel id-dħul fis-seħħ tal-Att XXIV tal-2021, inkluż l-Artikolu 3 tal-istess Kap. 69, kif ukoll bl-operazzjoni tal-Att X tal-2009 fir-rigward tal-fond bl-indirizz 86, Moon, Triq il-Polverista, Bormla, ġie leż id-dritt fundamentali tiegħu kif sanċit mill-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem.*

*2. Illi preliminarjament, ir-rikorrent irid iġib prova sodisfaċenti tat-titolu tiegħu għall-fond in kwistjoni.*

*3. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, ir-rikorrent irid iġib prova li l-kirja in kwistjoni f'dawn il-proċeduri hi verament imħarsa mill-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*4. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, ir-rikorrent irid iġib prova li l-kirja in kwistjoni f'dawn il-proċeduri hi verament imħarsa mill-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*5. Illi fi kwalunkwe każ, l-allegazzjonijiet u pretensjonijiet tar-rikorrent huma infondati fil-fatt u fid-dritt.*

*6. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-esponent jikkontendi li jekk din l-Onorabbli Qorti tqis li seħħ ksur tal-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll, dan il-ksur jista' jissussisti biss bejn it-30 ta' April, 1987 sal-31 ta' Mejju, 2021 u ċioe' mid-data stabbilita fl-Artikolu 7 tal-Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta sa l-aħħar data qabel id-dħul fis-seħħ tal-Att XXIV tal-2021.*

*Bl-ispejjeż."*

3. Rat ir-risposta tal-intimat **Leslie Brincat (K.I. nru. 0079772(M))** [minn issa ’l quddiem ‘l-intimat Brincat”] ippreżentata fis-6 ta’ Lulju, 2022, fejn ġie eċċepiet is-segwenti:

*“Jesponi bir-rispett:*

1. *Illi preliminarjament l-esponenti għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju stante illi ma huwiex il-leġittimu kontradittur għal rimedji kostituzzjonali dwar allegat ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti u dan peress illi r-rimedji mitluba huma ta’ ordni pubbliku li jinġiebu minn persuna f’kawża kostituzzjonali kontra l-Istat jew entità governattiva jew pubblika.*
2. *Illi wkoll preliminarjament u mingħajr preġudizzju għall-ewwel eċċezzjoni u għall-eċċezzjonijiet illi jsegwu, ir-rikorrenti jrid jipprova t-titolu tiegħu li bih jippretendi li jista’ jintavola din il-kawża.*
3. *Illi bla preġudizzju għas-suespost fl-eventwalità biss illi din il-Qorti ssib leżjoni tad-drittijiet fundamentali fil-konfront tar-rikorrenti, l-esponenti m’għandux ibati għal xi eventwali nuqqas ta’ azzjoni mill-Istat u fi kwalunkwe każ huwa l-Istat li għandu jiġi kkundannat jagħti rimedju.*
4. *Illi għaldaqstant il-pretensjonijiet kollha tar-rikorrenti fil-konfront tal-intimat għandhom jiġi miċħuda minn din l-Onorabbli Qorti stante illi huma infondati fil-fatt kif ukoll fid-dritt.*
5. *Illi dejjem mingħajr preġudizzju għal dak kollu sueċċepit, fi kwalunkwe każ, l-esponenti m’għandux ibati ebda spejjeż, danni, kumpens u/jew imgħax legali li jista’ jingħata a favur ir-rikorrenti f’din il-kawża u dan peress li kull ma l-esponenti għamel u għadu qiegħed jagħmel sa llum hu li josserva l-liġijiet tal-pajjiż.*
6. *Salv eċċezzjonijiet oħra ulterjuri.”*

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti in atti.

Rat li permezz tad-digriet tagħha tat-2 ta’ Novembru, 2022, ġie maħtur **il-Perit Konrad Xuereb** bħala Perit Tekniku Ġudizzjarju, li ppreżenta r-rapport tiegħu fis-16 ta’ Diċembru, 2022, u ħalfu fit-2 ta’ Frar, 2023.

Rat il-verbal tal-udjenza tat-3 ta' Frar, 2023, fejn il-kawża tħalliet għas-sentenza.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet ippreżentati mill-partijiet rispettivi.

**Il-kwistjoni bejn il-partijiet**

4. Jirriżulta li r-rikorrent huwa s-sid tal-proprjetà bin-numru 14 f'Triq Sunny Micallef, Bormla, qabel bin-numru 86 u bl-isem 'Moon' f'Triq il-Polverista, Bormla, [minn issa 'l quddiem 'il-fond'], li ppervjena lilu mill-wirt ta' ommu Maria Galea mart Joseph Galea née Vella li mietet fit-13 ta' Frar, 1975. [1] Ir-rikorrent jissottometti li dan il-fond ilu mikri għal diversi snin lill-intimat Brincat taħt id-disposizzjonijiet tal-Kap. 69, senjatament l-artikolu 3 tiegħu, flimkien ma' dawk tal-Att X tal-2009, u l-artikolu 1531Ċ tal-Kap. 16. Bħala riżultat ta' dan, jgħid li l-kirja preżenti hija waħda li ġiet sfurzata fuqu, fejn l-inkwilin iħallas biss kera ta' €209.63 fis-sena[2], u liema kera hija l-massimu li jippermetti l-artikolu 1531Ċ tal-Kap. 16. Jikkontendi li b'hekk ma nżamm l-ebda proporzjon bejn id-drittijiet tas-sid u dawk tal-inkwilin, għaliex bla dubju l-kera hija waħda baxxa meta wieħed iqis dak li l-fond jista' saħansitra iġib fis-suq miftuħ. Jirrileva li d-disposizzjonijiet tal-Kap. 69 qabel ma daħal fis-seħħ l-Att XXIV tal-2021, taw id-dritt lill-intimat Brincat li jibqa' jirrisjedi fil-fond minkejja li skada t-terminu lokatizju. Jirrileva wkoll li l-kera hija waħda irriżorja, ma tirriflettix is-suq, u ma żżommx bilanċ bejn id-drittijiet tas-sid u dawk tal-inkwilin, għaliex l-uniku awment li huwa permess huwa marbut maż-żieda fir-rata ta' inflazzjoni kif stabbilita mill-awtoritajiet governattivi. Ir-rikorrent jikkontendi li b'hekk illum hemm relazzjoni sfurzata ta' sid u inkwilin għal perijodu indefinit, sabiex b'hekk huwa jinsab imċaħħad mit-tgawdija tal-fond mingħajr ma ngħata kumpens xieraq, u dan bi ksur tal-Artikolu

[1] Ara kopja tad-denunzja relattiva tat-18.12.75 Dok. A *a fol.* 4.
[2] Ara kopja rċevuti Dok. B *a fol.* 11.

1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali [minn issa 'l quddiem 'il-Konvenzjoni']. Isostni li l-kera baxxa, l-istat ta' inċertezza dwar meta huwa jista' jieħu lura l-pussess tal-fond, in-nuqqas ta' salvagwardji proċedurali, iż-żieda fil-livell tal-għajxien hawn Malta fl-aħħar deċenni ta' snin, u l-interferenza sproporzjonta bejn id-drittijiet ta-sid u dawk tal-inkwilin, ħolqu piż eċċessiv fuqu. Huwa għalhekk li qiegħed iqis li d-drittijiet tiegħu ġew miksura *ai termini* tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni, u bħala konsegwenza huwa għandu dritt li jirċievi kumpens. Għalhekk ir-rikorrent qiegħed jitlob lil din il-Qorti sabiex tiddikjara u tiddeċiedi li bħala riżultat tat-tħaddim tad-disposizzjonijiet tal-Kap. 69, kif applikabbli qabel id-dħul fis-seħħ tal-Att XXIV tal-2021, anki permezz tal-artikolu 3 tal-istess Kap. u/jew bħala riżultat tat-tħaddim tad-disposizzjonijiet tal-Att X tal-2009, ġew miksura d-drittijiet tiegħu għat-tgawdija tal-fond kif sanċiti fl-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni (l-Ewwel Skeda tal-Kap. 319). Jitlob ukoll sabiex din il-Qorti tiddikjara u tiddeċiedi li l-intimat Avukat tal-Istat huwa responsabbli għall-kumpens u danni, anki dawk mhux pekunjarji, li huwa sofra bħala konsegwenza tat-tħaddim tad-disposizzjonijiet suriferiti, u għalhekk il-Qorti qegħda tintalab ukoll sabiex tillikwida l-imsemmi kumpens u danni permezz tal-ħatra ta' perit nominandi, u sabiex tikkundanna lill-imsemmi intimat Avukat tal-Istat sabiex iħallas l-ammont likwidat. Ir-rikorrent jitlob ukoll li l-Qorti għandha tagħti dawk ir-rimedji li huma meqjusa xierqa, u dan bl-ispejjeż u bl-imgħax kontra l-intimati.

5. L-intimat Avukat tal-Istat jeċċepixxi s-segwenti: preliminarjament (a) ir-rikorrent għandu jressaq prova sodisfaċenti tat-titolu tiegħu fuq il-fond; (b) ir-rikorrent għandu wkoll iġib prova li l-kirja hija tassew imħarsa mill-Kap. 69; fil-mertu (ċ) ma kien hemm l-ebda ksur tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-

Konvenzjoni stante li fil-każ odjern kien hemm biss kontroll tal-użu tal-fond fil-parametri ta' dak li huwa permess skont id-dritt fundamentali; (d) l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet tar-rikorrent huma nfondati fil-fatt u fid-dritt; u (e) jekk din il-Qorti jidhrilha li seħħ ksur tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni, dan seta' kien biss għall-perijodu bejn it-30 ta' April, 1987, u l-31 ta' Mejju, 2021, jiġifieri mid-data stabbilita fl-artikolu 7 tal-Kap. 319 sal-aħħar data qabel ma daħal fis-seħħ l-Att XXIV tal-2021.

6. L-intimat Pace jeċepixxi s-segwenti: preliminarjament (a) huwa mhuwiex leġittimu kuntradittur stante r-rimedji mitluba huma ta' ordni pubbliku, u jinġiebu minn persuna f'kawża kostituzzjonali kontra l-Istat jew kontra entità governattiva jew pubblika; (b) ir-rikorrenti għandu jġib prova tat-titolu tiegħu; fil-mertu (ċ) jekk il-Qorti ssib ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrent, huwa m'għandux ibati għan-nuqqas ta' azzjoni tal-Istat li għandu jiġi kkundannat jagħti rimedju; (d) il-pretensjonijiet kollha tar-rikorrent għandhom jiġu miċħuda għaliex huma nfondati fil-fatt u fid-dritt; (e) fi kwalunkwe każ, huwa m'għandux ibati spejjeż, danni, kumpens u/jew imgħax legali, għaliex huwa kien u għadu biss josserva l-liġijiet tal-pajjiż; (f) salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

**<u>Provi u riżultanzi</u>**

7. Flimkien mar-rikors promotur, ir-rikorrent esebixxa kopja tad-denunzja tal-wirt ta' ommu Maria Galea datata 18 ta' Diċembru, 1975[3], u kopja ta' xi rċevuti tal-kera.[4]

---

[3] *Supra.*
[4] *Supra.*

8. Waqt l-udjenza tat-2 ta' Novembru, 2022, ir-rikorrent **Andrew Galea** esebixxa l-affidavit tiegħu permezz ta' nota.[5] Fl-imsemmi affidavit iddikjara li huwa s-sid tal-fond li kien akkwista mill-wirt ta' ommu Maria Galea fl-1975, liema fond spjega li kien ilu mikri lill-intimat Brincat minn xi l-1964 wara li kien għamel żmien mikri lil missieru. Iddikjara li l-kera li jħallas l-intimat Brincat hija ta' €209.63 fis-sena. Ir-rikorrent issottometta li huwa kien jaf li l-kirja hija waħda protetta mil-liġi għaliex dejjem kien jisma' lil missieru jgħid hekk, iżda meta s-sena ta' qabel huwa sar jaf bil-liġijiet il-ġodda dwar il-kirjiet l-antiki, huwa kien mar għand l-avukat tiegħu sabiex ifittex għad-drittijiet tiegħu. Spjega li huwa filfatt kien intavola proċeduri quddiem il-Bord li Jirregola l-Kera sabiex ifittex għal awment fil-kera, u l-kawża kienet ġiet deċiża fit-30 ta' Settembru, 2022, sabiex b'hekk il-kera kienet għoliet għal €1,900 fis-sena. Iżda huwa kien fetaħ ukoll il-kawża odjerna sabiex jieħu kumpens għall-ksur tad-drittijiet fundamentali tiegħu.

9. Waqt l-istess udjenza, l-intimat **Leslie Brincat** ippreżenta nota bl-affidavit tiegħu.[6] Spjega li huwa llum għandu ħamsin sena u ilu jgħix fil-fond minn qabel is-sena 1995, liema fond illum kellu l-indirizz 14, Triq Sunny Micallef, Bormla, wara bidla fis-sena 2020 fl-isem tat-triq u fin-numru tal-bieb ta' barra. Stqarr li huwa ma kienx sinjur, jinsab diżokkupat u l-kapital tiegħu huwa sew inqas minn dak rikjest mil-liġi. Irrileva li huwa jbati minn diżabilità severa, u għalhekk jgħix fuq il-benefiċċji soċjali li kienu fis-somma ta' madwar €7,700 fis-sena. L-intimat Brincat stqarr li huwa kien dejjem obda l-liġi, anki billi ħallas il-kera, u ħa ħsieb li jagħmel il-manutenzjoni fil-fond.

---

[5] A *fol.* 28.
[6] A *fol.* 30.

10. Waqt l-udjenza tat-2 ta' Diċembru, 2022, xehed ir-rikorrent, prodott in kontro-eżami mill-intimat Avukat tal-Istat. Ikkonferma li l-fond huwa kien akkwistah permezz ta' wirt mingħand ommu, li min-naħa tagħha wirtitu mingħand missierha wara li dan kien bnieh. Spjega li meta huwa kien akkwista l-fond, il-kera kienet ta' Lm20 fis-sena, iżda kien hemm żmien meta l-kera kienet titħallas b'mod sporadiku għaliex il-familja li kienet tgħix fil-fond kienet batuta. Irrileva li l-intimat Brincat kien mutu u trux.

11. Il-Perit Tekniku Ġudizzjarju **Konrad Xuereb** ippreżenta r-rapport tiegħu fis-16 ta' Diċembru, 2022. [7] Wara li ddikjara li huwa kien aċċeda fil-fond nhar it-12 ta' Diċembru, 2022, għadda sabiex iddeskriva kif inhu mqassam il-fond. Qal li jidher li dan qed isir użu minnu, iżda qiegħed f'stat ġeneralment 'għajjien'. Irrileva li l-fond inbena xi sebgħin sena ilu, u spjega kif inhu kostruwit. Iddikjara li dan jinsab f'żona urbana ta' konservazzjoni u f'żona residenzjali, u għadda sabiex spjega l-metodu ta' valutazzjoni addottat minnu, li huwa dak komparattiv, fejn qal li huwa għamel ukoll riferenza għall-*Appraisal and Valuation Manual* kif ippubblikat mir-*Royal Institute of Chartered Surveyors*, għad-dokument intestat *Valuation Standards for Accredited Valuers* ippubblikat mill-Kamra tal-Periti fl-2012, u għad-dokument intestat *Consolidated Document on Property Valuation* ippubblikat fl-2017 mill-Awtorità tal-Artijiet. B'hekk qal li huwa kien wasal għall-valur ta' €138,000, u wara li għamel riferiment għall-*Property Price Index* ippubblikat mill-Bank Ċentrali ta' Malta sabiex jiġi stabbilit il-valur lokatizju tal-fond kull ħames snin bejn l-1 ta' Awwissu, 1987, sal-21 ta' Mejju, 2021, liema valur imbagħad qal li ġie applikat sabiex b'hekk ġie stabbilit il-valur lokatizju tal-fond f'intervali ta' ħames snin kull wieħed.

[7] A *fol.* 36 *et seq.*

**<u>Konsiderazzjonijiet legali</u>**

12. Il-Qorti ser tgħaddi sabiex tindirizza l-eċċezzjonijiet preliminari ssollevati mill-intimat Avukat tal-Istat. Fl-ewwel u fit-tieni eċċezzjoni tiegħu kif imfissra fit-tieni u fit-tielet paragrafu tar-risposta tiegħu, l-intimat Avukat tal-Istat jikkontendi li r-rikorrent għandu jġib prova sodisfaċenti tat-titolu tiegħu fuq il-fond, u anki li l-kirja in kwistjoni hija regolata permezz tad-disposizzjonijiet tal-Kap. 69. Permezz tat-tieni eċċezzjoni tiegħu, l-intimat Brincat iqajjem ukoll il-kwistjoni tat-titolu. Fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu, l-intimat Avukat tal-Istat ma jibqax jinsisti fuq dawn l-eċċezzjonijiet tiegħu, u l-istess jingħad fir-rigward tal-intimat Brincat. Għalhekk filwaqt li l-Qorti ma tistax tonqos milli tikkunsidra li hija tinstab sodisfatta mill-provi, senjatament mill-kopja tad-denunzja tal-wirt ta' omm ir-rikorrent u x-xhieda tal-istess rikorrent u tal-intimat Brincat stess, li l-imsemmi rikorrent huwa tassew sid il-fond u anki li l-kirja hija waħda suġġetta għad-disposizzjonijiet tal-Kap. 69, tgħid li m'hemmx lok li tistħarreġ dawn il-kwistjonijiet.

13. Permezz tal-ewwel eċċezzjoni tiegħu, l-intimat Brincat qiegħed jikkontendi li huwa għandu jinħeles mill-osservanza tal-ġudizzju stante li huwa ma jistax ikun meqjus bħala leġittimu kuntradittur, ġaladarba r-rimedji mitluba huma ta' ordni pubbliku li jitressqu minn persuna f'proċeduri ta' natura kostituzzjonali kontra l-Istat jew kontra entità governattiva jew pubblika. Il-Qorti tikkondividi l-ħsieb tal-intimat Brincat, iżda ma tistax tilqa' it-talba tiegħu u teħilsu mill-osservanza tal-ġudizzju, għaliex tikkunsidra li huwa għandu kull interess li jipparteċipa fil-proċeduri odjerni ġaladarba dawn jolqtu t-titolu tal-kera miżmum minnu, u saħansitra l-kera li huwa jħallas lir-rikorrent. Għaldaqstant il-Qorti ma ssibx din l-eċċezzjoni tiegħu ġustifikata, u tiċħadha.

14. Il-Qorti issa ser tgħaddi sabiex tindirizza l-eċċezzjonijiet l-oħra tal-intimat l-Avukat tal-Istat u tal-intimat Brincat, dan hekk kif jolqtu l-ilment prinċipali tar-rikorrent. Kif ġie kkonstatat minn din il-Qorti aktar 'l fuq, ir-rikorrent qiegħed isostni li d-disposizzjonijiet tal-Kap. 69 qabel id-dħul fis-seħħ tal-Att XXIV tal-2021, dawk tal-artikolu 3 tal-istess liġi, u dawk tal-Att X tal-2009, qegħdin jiksru d-drittijiet fundamentali tiegħu kif protetti mill-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni.

15. Fil-każ odjern jirriżulta li l-fond in kwistjoni kien ġie għand ir-rikorrent mill-wirt ta' ommu, kif soġġett għall-kirja li kienet saret madwar is-sena 1964 u regolata mil-liġi applikabbli qabel l-emendi li ġew fis-seħħ fl-1 ta' Ġunju, 1995. Il-Qorti tgħid li hawnhekk l-insenjament tal-Qorti Kostituzzjonali għandu jiġi applikat għall-każ odjern sabiex b'hekk hija għandha wkoll tikkunsidra l-allegat ksur tad-drittijiet fundamentali fil-konfront tal-antekawża tar-rikorrent, u dan filwaqt li għandu jittieħed in konsiderazzjoni dak li jiddisponi għalih l-artikolu 7 tal-Kap. 319.

16. Din il-Qorti tikkonsidra li l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni jipprovdi kif ġej:

> "Kull persuna naturali jew persuna morali għandha d-dritt għat-tgawdija paċifika tal-possedimenti tagħha.
>
> Ħadd ma għandu jiġi pprivat mill-possedimenti tiegħu ħlief fl-interess pubbliku u bla ħsara tal-kundizzjonijiet provduti bil-liġi u bil-prinċipji ġenerali tal-liġi internazzjonali.
>
> Iżda d-disposizzjonijiet ta' qabel ma għandhom b'ebda mod inaqqsu d-dritt ta' Stat li jwettaq dawk il-liġijiet li jidhrulu xierqa biex jikkontrolla l-użu tal-proprjetà skont linteress ġenerali jew biex jiżgura l-ħlas ta' taxxi jew kontribuzzjonijiet oħra jew pieni."

17. Skont il-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem (minn issa 'il quddiem 'il-Qorti Ewropea'), il-kontroll fuq il-kera u r-

restrizzjonijiet fuq it-tmiem ta' kuntratt ta' kera, jikkostitwixxu kontroll fuq l-użu tal-proprjetà tal-individwu a tenur tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll. B'hekk il-każ għandu jiġi kkunsidrat taħt it-tieni paragrafu ta' dan l-artikolu, iżda sabiex l-indħil tal-Istat jista' jitqis li jimmerita eżenzjoni minn din ir-regola ġenerali, hemm bżonn li l-indħil ikun seħħ bis-saħħa ta' liġi, l-iskop tiegħu jkun wieħed leġittimu, u jilħaq bilanċ bejn l-għan soċjali tal-komunità u l-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali tal-individwu.[8]

18. Il-Qorti tibda billi tgħid li m'hemm l-ebda dubbju li d-disposizzjonijiet tal-Kap. 69 kif emendat minn żmien għal żmien, saru taħt qafas legali. Mhux ikkontestat li fiż-żmien li ttieħdet il-miżura permezz tal-promulgazzjoni ta' diversi liġijiet intiżi għall-kontroll tal-użu tal-proprjetà, l-għan kien wieħed leġittimu. Dan għaliex il-provvista ta' akkomodazzjoni socjali hija d-dmir tal-Istat, li kif sewwa jirrileva l-intimat Avukat tal-Istat, hawnhekk għandu diskrezzjoni wiesgħa ferm sabiex jassigura li l-interess pubbliku jintleħaq ukoll fis-settur tal-akkomodazzjoni soċjali. Madankollu tgħid li din id-diskrezzjoni tal-Istat għandha l-limiti tagħha ċirkoskritti permezz tad-drittijiet fundamentali taċ-ċittadin. Hawnhekk il-Qorti għalhekk tirrileva li kuntrarjament għal dak li jagħti x'jifhem l-intimat Avukat tal-Istat, l-Istat għalkemm huwa f'pożizzjoni li jagħraf il-bżonnijiet tas-soċjetà, m'għandu l-ebda dritt assolut li jfixkel liċ-ċittadin fit-tgawdija tal-proprjetà tiegħu.

19. Fil-każ **James and Others v. UK**[9], il-Qorti Ewropea spjegat il-kunċett ta' interess pubbliku kif ġej:

> *"a deprivation of property effected for no reason other than to confer a private benefit on a private party cannot be "in the public interest". Nonetheless, the compulsory transfer of property from one individual to another may, "depending upon the*

[8] Ara **Bradshaw and Others v. Malta**, App. Nru. 37121/15, deċiża fit-23.10.2018.
[9] App. 8793/79, deċiża fil-21.02.1986.

*circumstances, constitute a legitimate aim for promoting the public interest … The taking of property effected in pursuance of legitimate social, economic or other policies may be "in the public interest" even if the community at large has no direct use or enjoyment of the property taken".*[10]

20. Din is-silta tispjega dak l-eżerċizzju li għandha tagħmel il-Qorti fl-investigazzjoni tagħha tal-allegat ilment ta' ksur tad-drittijiet fundamentali ta' tgawdija ta' proprjetà:

*"56. In each case involving an alleged violation of Article 1 of Protocol No. 1, the Court must ascertain whether by reason of the State's interference, the person concerned had to bear a disproportionate and excessive burden (see* Amato Gauci, *cited above, §57). In assessing compliance with Article 1 of Protocol No. 1, the Court must make an overall examination of the various interests in issue, bearing in mind that the Convention is intended to safeguard rights that are "practical and effective". It must look behind appearances and investigate the realities of the situation complained of. That assessment may involve not only the conditions of the rent received by individual landlords and the extent of the State's interference with freedom of contract and contractual relations in the lease market, but also the existence of procedural and other safeguards ensuring that the operation of the system and its impact on a landlord's property rights are neither arbitrary nor unforeseeable. Uncertainty – be it legislative, administrative or arising from practices applied by the authorities – is a factor to be taken into account in assessing the State's conduct (see* immobiliare Saffi v. Italy, *[GC], no. 22774/93, §54, ECHR 1999-V, and* Broniowski, *cited above, §151)."*[11]

21. Il-Qorti tagħraf li b'hekk twieled il-principju ta' proporzjonalità. Tgħid li tenut kont tal-valur lokatizju annwali ta' €441 mogħti mill-Perit Tekniku Ġudizzjarju fir-rapport tiegħu applikabbli għas-sena 1987, li hija s-sena rilevanti sabiex jitqiesu t-talbiet tar-rikorrent fil-każ odjern, u anki l-valur lokatizju fis-sena 2021 meta daħlu fis-seħħ l-emendi għall-Kap. 69 permezz tal-Att XXIV tal-2021, u meħud in konsiderazzjoni wkoll (a) il-kera miżera perċepita mir-rikorrent u l-antekawża tiegħu, u minkejja l-awmenti minimi li pprovdew

[10] Ara wkoll Q.Kost. 55/2009, **Victor Gatt et *vs.* Avukat Generali et**, deċiża fil-05.07.2011, u Q.Kost. 467/1994, **Cutajar noe *vs.* Il-Kummissarju tal-Art et**, deċiża fit-30.11.2001.
[11] **Bradshaw and Others v. Malta** *supra.* Ara wkoll App. 1046/12, **Zammit and Attard Cassar v. Malta**, deċiża fit-30.07.2015.

għalihom l-emendi li daħlu fis-seħħ permezz tal-Att X tal-2009, u li bl-ebda mod raġonevoli ma jista' jingħad li dawn ammeljoraw l-pożizzjoni tas-sid; u (b) li ma tressqet l-ebda prova jew sottomissjoni min-naħa tal-intimat Avukat tal-Istat sabiex jiġġustifika għaliex il-każ odjern kien jimmerita l-indħil tal-Istat, saħansitra fi sfond fejn il-qagħda finanzjarja u ekonomika tal-pajjiż tjiebet ferm miż-żmien li fih saret il-liġi in kwistjoni, il-Qorti tqis li jirriżulta bl-aktar mod evidenti li ma kien hemm l-ebda bilanċ bejn l-interess pubbliku u d-drittijiet fundamentali tar-rikorrent u l-antekawża tiegħu. Tikkonsidra li għalkemm jista' jirriżulta li l-inkwilin mhux f'qagħda finanzjarja li jwettaq l-obbligi tiegħu tal-ħlas skont il-valuri lokatizji mogħtija fir-rapport peritali, tgħid li fil-każ odjern l-Istat tefa' il-piż tal-akkomodazzjoni soċjali għal kollox fuq spallejn is-sid, mingħajr l-ebda ġustifikazzjoni għal dan. Tqis wkoll li r-rikorrent għadu sallum fi stat ta' inċertezza dwar meta ser jieħu lura l-pussess tal-fond proprjetà tiegħu. Fil-każ **Cassar v. Malta**[12] il-Qorti Ewropea kkonkludiet li *"it is clear that these circumstances inevitably left the applicants in uncertainty as to whether they would ever be able to recover their property".* Il-Qorti għalhekk tagħraf li d-drittijiet tar-rikorrent u tal-antekawża tiegħu, ġew limitati sew permezz tal-liġijiet tal-kera. Kif irrilevat din il-Qorti hawn fuq, ma tirriżulta l-ebda ġustifikazzjoni fil-każ odjern għall-indħil tal-Istat li wassal għat-trażżin ta' dawn id-drittijiet. Tasal biex saħansitra tgħid li ma tista' tikkonstata l-ebda għan leġittimu għal tali ndħil fil-każ odjern. Il-Qorti għalhekk qegħda tagħraf sitwazzjoni fejn ir-rikorrent ġie kostrett li jġorr waħdu mingħajr l-ebda għajnuna tal-Istat, piż eċċessiv u sproporzjonat, sabiex b'hekk a tenur tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll huwa ġarrab ksur tal-jedd fundamentali tiegħu għat-tgawdija tal-possedimenti tiegħu. F'dan il-kuntest il-Qorti tgħid li jirriżulta biċ-ċar li l-antekawża tar-rikorrent ma setgħux jaħarbu l-effetti tal-liġijiet tal-kera,

[12] App. 50570/13, deċiża fit-30.012018.

ġaladarba huma kienu għażlu li l-fond għandu jservi bħala sors ta' introjtu għalihom. Barra minn hekk, huma ma setgħux basru li s-suq lokatizju maż-żmien kien ser jara valuri daqstant qawwija, li saħansitra dak li kellu jitħallas f'sena mill-inkwilin, ma kienx ser ikun biżżejjed għall-kera ta' xahar fis-suq ħieles.

22. F'dan l-istadju l-Qorti tirrileva li jkun utli u xieraq li jsir riferiment għal dak li qalet il-Qorti Ewropea fis-sentenza fl-ismijiet **Ghigo v. Malta**[13], fejn inkiteb illi:

> "*67. As the Court has already stated on many occasions, in spheres such as housing of the population, States necessarily enjoy a wide margin of appreciation not only in regard to the existence of the problem of general concern warranting measures for control of individual property but also to the choice of the measures and their implementation. The State control over levels of rent is one such measure and its application may often cause significant reductions in the amount of rent chargeable (see, in particular, Mellacher and Others, cited above, §45).*
>
> *68. Moreover, in situations where the operation of the rent-control legislation involves wide-reaching consequences for numerous individuals and has economic and social consequences for the country as a whole, the authorities must have considerable discretion not only in choosing the form and deciding on the extent of control over the use of property but also in deciding on the appropriate timing for the enforcement of the relevant laws. Nevertheless, that discretion, however considerable, is not unlimited and its exercise cannot entail consequences at variance with the Convention standards (see,* mutatis mutandis*, Hutten-Czapska, cited above, §223).*
>
> *69. In the present case, having regard to the extremely low amount of the rental value fixed by the Land Valuation Officer, to the fact that the applicant's premises have been requisitioned for more than twenty-two years, as well as to the abovementioned restrictions of the landlord's rights, the Court finds that a disproportionate and excessive burden has been imposed on the applicant. The latter had been requested to bear most of the social and financial costs of supplying housing accomodation to Mr G and his family (see,* mutatis mutandis*, Hutten-Czapska, cited above, §225). It follows that the Maltese State has failed to strike the requisite fair balance between the general interests of the community and the protection of the applicant's right of property."*

[13] 26.09.2006.

23. Il-Qorti għandha tqis jekk teżistix protezzjoni, inkluż dik proċedurali, sabiex tassigura ruħha li l-operat tas-sistema u l-impatt tagħha fuq id-drittijiet proprjetarji tas-sid humiex ta’ natura arbitrarja jew saħansitra jagħtux lok għall-inċertezza. Għalhekk il-Qorti Ewropea qieset ukoll il-funzjoni tal-Bord Li Jirregola l-Kera, fattur ieħor ferm importanti fis-sejbien ta’ leżjoni, fejn sabet li filwaqt li dan il-Bord seta’ offra l-protezzjoni proċedurali adegwata sabiex iħares l-operat tas-sistema ta’ kontroll, dan m’għandu l-ebda effett utli għar-rikorrenti appellanti:

> *“61. Whereas the RRB could have constituted a relevant procedural safeguard by overseeing the operation of the system, in the present case it was devoid of any useful effect, given the limitations imposed by the law (see, mutatis mutandis, Amato Gauci, cited above, § 62 and Anthony Aquilina v. Malta, no. 3851/12, § 66, 11 December 2014). Consequently, the application of the law itself lacked adequate procedural safeguards aimed at achieving a balance between the interests of the tenants and those of the owners (ibid and, mutatis mutandis, Statileo v. Croatia, no. 12027/10, § 128, 10 July 2014).”*[14]

24. Il-Qorti tqis li fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet appena magħmulin, il-jeddijiet fundamentali tar-rikorrent kif protetti permezz tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni, ġew leżi fis-snin qabel id-data rilevanti. Hawnhekk iżżid tgħid li huwa għalhekk li l-Qorti sejra tgħaddi biex tillikwida l-kumpens li għandu jitħallas lir-rikorrent, u dan filwaqt li tagħraf li sempliċi dikjarazzjoni ta’ ksur ma tistax tkun rimedju suffiċjenti fejn il-leżjoni pperdurat għal diversi snin.

25. F’sentenza fl-ismijiet **Cassar Torregiani *vs.* Avukat Ġenerali et**[15], il-Qorti Kostituzzjonali għamlet is-segwenti osservazzjonijiet dwar in-natura tad-danni li għandhom jiġu likwidati f’kawżi ta’ din ix-xorta:

[14] Cassar v. Malta, *Supra.*
[15] 29.04.2016.

*"Għalkemm huwa minnu illi l-valur tal-kumpens akkordat mill-Qorti wara sejba ta' leżjonijiet tad-drittijiet fundamentali ma jekwiparax neċessarjament ma' likwidazzjoni ta' danni ċivili attwali sofferti, ma jfissirx li d-danni materjali għandhom jiġu injorati għall-finijiet tal-eżerċizzju odjern. Il-Qorti trid tqis il-fatturi kollha rilevanti għall-każ odjern sabiex tasal għad-determinazzjoni tal-quantum. Dawn huma: (i) it-tul ta' żmien li ilha sseħħ il-vjolazzjoni konsidrat ukoll fid-dawl tat-tul ta' żmien li r-rikorrenti damu sabiex ressqu l-proċeduri odjerni biex jirrivendikaw id-drittijiet kostituzzjonali tagħhom; (ii) il-grad ta' sproporzjoni relatat mal-introjtu li qed jiġi perċepit ma' dak li jista' jiġi perċepit fis-suq ħieles, konsidrat ukoll l-għan soċjali tal-miżura; (iii) id-danni materjali sofferti mir-rikorrenti ....".*

26. F'sentenza oħra fl-ismijiet **Herbert Brincat et *vs.* Avukat Ġenerali et**[16], mogħtija minn din il-Qorti diversament preseduta, inkiteb illi:

*"... il-kumpens mistħoqq lill-persuna wara li jkun instab li din ġarrbet ksur ta' xi jedd fundamentali tagħha ma huwiex l-istess bħal-likwidazzjoni u ħlas ta' danni ċivili mġarrba. Huwa minnu li Qorti Kostituzzjonali tista' tagħti bħala rimedju kemm danni pekunjarji kif ukoll danni non-pekunjarji, iżda din il-Qorti tissenjala li l-kumpens pekunjarju li jingħata fi proċeduri bħal dawn ma għandux ikun ekwivalenti għal danni ċivili ai termini tal-Artikolu 1031 et seq tal-Kodiċi Ċivili. Id-danni pretiżi huma marbuta mat-talba għal dikjarazzjoni ta' leżjoni ta' dritt fundamentali u mal-iskop soċjali u l-interess ġenerali tal-liġi."*

27. Fis-sentenza fl-ismijiet **Maria Estella sive Estelle Azzopardi et *vs.* Avukat Ġenerali et**[17] il-Qorti Kostituzzjonali rritjeniet illi,

*"... ir-rimedju li tagħti din il-Qorti huwa kumpens għall-ksur tad-dritt fundamentali u mhux danni ċivili għal opportunitajiet mitlufa."*

28. Għalhekk il-Qorti qegħda tieħu in konsiderazzjoni (a) li l-ammont ta' kera li r-rikorrent seta' ipperċepixxa li kieku l-fond kien mikri skont il-kirjiet riżultanti fis-suq miftuħ, huwa ferm akbar minn dak attwalment ipperċepit, tant hu hekk li kieku dan il-fond inkera fis-suq miftuħ tal-kiri bejn l-1 ta' Mejju, 1987, u l-28

[16] 27.06.2019.
[17] 30.09.2016.

ta' Mejju, 2021, id-dħul li kien jirċievi r-rikorrent kien ikun komplessivament ta' madwar **€63,881**[18]; (b) li l-valur tiegħu kif sostanzjalment imnaqqas minħabba ċ-ċirkostanzi kollha tiegħu. Tgħid li dawn il-fatturi kollha jikkontribwixxu għall-iżbilanċ evidenti bejn l-interessi privati tar-rikorrent u l-għan pubbliku li għalih ġew introdotti ċerti liġijiet, u għaldaqstant tikkonsidra li jirriżulta ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrent, li għalih għandu jitħallas kumpens mill-intimat Avukat tal-Istat. Il-Qorti tagħraf li l-intimat Brincat m'għandux jinżamm responsabbli bl-ebda mod għal dan, għaliex il-Qorti tagħraf li l-leżjoni ma seħħitx riżultat ta' xi għemil tiegħu, iżda riżultat tal-promulgazzjoni ta' liġijiet li rażżnu sostanzjalment id-drittijiet tas-sidien ta' proprjetajiet mikrija b'mod li maż-żmien ma baqax ġustifikat. Għaldaqstant hija qegħda tilqa' it-tielet, ir-raba' u l-ħames eċċezzjonijiet tiegħu.

29. Kif diġà kellha l-opportunità li tteni din il-Qorti, id-danni li għandhom jiġu likwidati fi proċedimenti kostituzzjonali u konvenzjonali, mhumiex l-istess bħad-danni ċivili li jiġu likwidati fi proċedimenti ordinarji, għaliex huma danni li għandhom jiġu likwidati minħabba vjolazzjoni tad-drittijiet fundamentali tal-persuna, tenut kont tal-iskop soċjali u l-interess ġenerali tal-liġi. Għar-rigward tal-*quantum* tal-kumpens għal danni pekunjarji u non-pekunjarji, fis-sentenzi tal-Qrati tagħna kull każ jiġi determinat skont il-fattispeċi partikolari tiegħu.

30. Fil-każ odjern għajr għall-fatt li kien hemm telf sostanzjali fil-kera li setgħet ġiet ipperċepita, ma jirriżultawx danni pekunjarji oħra li jistgħu jiġu faċilment ikkomputati. Iżda hawnhekk din il-Qorti għandha tgħid li fil-likwidazzjoni tal-imsemmija danni, hija qegħda tieħu wkoll in konsiderazzjoni (a) li m'hemm l-ebda ċertezza li s-sid kien ser jirnexxielu jżomm il-fond mikri lil

[18] 01.05.87-31.12.87: €441/12x8=€294; 1988-1991: €441x4=€1,764; 1992-1996: €723x5=€3,615; 1997-2001: €1,291x5=€6,455; 2002-2006: €1,729x5=€8,645; 2007-2011: €2,727x5=€13,635; 2012-2016: €2,591x5=€12,955; 2017-2020: €3,740x4=€14,960; 01.01.21-28.05.21: €3,740/12x5=€1,558. B'kollox: €63,881.

terzi f'kull ħin, u dan skont il-valuri stmati mill-Perit Tekniku Ġudizzjarju; (b) it-taxxa li setgħet kienet dovuta minn żmien għal żmien fuq il-kirja stmata; u (ċ) il-kera li r-rikorrent u l-antekawża tiegħu irċevew matul iż-żmien sa mill-1987 mingħand l-inkwilin, u li tirriżulta fl-ammont ta' madwar €**1,282**.[19] Imbagħad il-Qorti tqis li għandhom jiġu likwidati wkoll id-danni morali jew non-pekunjarji, stante li l-vjolazzjoni tad-drittijiet tar-rikorrent hija konsegwenza tal-fatt li għal snin twal l-Istat Malti naqas milli jindirizza din il-kwistjoni kif kellu jagħmel, u jemenda l-qafas legali li jirregola kirjiet protetti, u dan minkejja titjib sostanzjali fil-qagħda soċjo-ekonomika tal-pajjiż, li wassal għal żbilanċ evidenti u piż inordinat fuq is-sidien ta' proprjetajiet bħal dawn.

31. Il-Qorti tqis li kumpens pekunjarju fl-ammont ta' għoxrin elf tmien mija sitta u sittin Euro (€20,866.00)[20] u kumpens non-pekunjarju fl-ammont ta' sitt elf Euro (€6,000.00), għandhom ikunu kumpens ġust u xieraq għall-ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrent u tal-antekawża tiegħu. Dawn id-danni għandhom jitħallsu mill-intimat Avukat tal-Istat lir-rikorrent.

**Decide**

**Għaldaqstant għar-raġunijiet premessi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:**

1) **Tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-ewwel u tat-tieni eċċezzjoni tal-intimat Avukat tal-Istat kif imfissra fit-tieni u fit-tielet paragrafi tar-risposta tiegħu, filwaqt li tilqa' l-aħħar eċċezzjoni tiegħu mfissra fl-aħħar paragrafu tal-imsemmija risposta, u tiċħad il-kumplament tal-eċċezzjonijiet l-oħra tiegħu;**

[19] 1987-2020: (Lm20) €46.60x23=€1,072 (skont xhieda rikorrent *a fol.* 33); 2020-2021: €209.63 (skont l-affidavit tar-rikorrent *a fol.* 28 u l-irċevuta tar-rikorrent esebita *a fol.* 11); B'kollox: €1,282.
[20] €63,881-€1282=€62,599/3=€20,866.

2) **Tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-tieni eċċezzjoni tal-intimat Brincat, tiċħad l-ewwel eċċezzjoni tiegħu, u tilqa' il-kumplament tal-eċċezzjonijiet tiegħu; u**

3) **Tilqa' it-talbiet kollha tar-rikorrent, u tiddikjara li permezz tat-tħaddim tad-disposizzjonijiet tal-Kap. 69 kif applikabbli qabel id-dħul fis-seħħ tal-Att XXIV tal-2021, anki tal-artikolu 3 ta' din il-liġi, u dawk tal-Att X tal-2009, ġew u qegħdin jiġu leżi d-drittijiet fundamentali tar-rikorrent u tal-antekawża tiegħu għat-tgawdija tal-fond bi ksur tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni, u għalhekk tiddikjara l-intimat Avukat tal-Istat responsabbli għall-ħlas ta' kumpens u danni sofferti minnhom bħala riżultat tat-tħaddim tal-imsemmija disposizzjonijiet, u dan filwaqt li tillikwida l-kumpens għad-danni pekunjarji u non-pekunjarji sofferti mill-imsemmija rikorrent u l-antekawża tiegħu fis-somma komplessiva ta' sitta u għoxrin elf tmien mija sitta u sittin Euro (€26,866.00), liema somma għandha titħallas mill-intimat Avukat tal-Istat lir-rikorrent, bl-imgħax dekorribbli mid-data ta' din is-sentenza sad-data tal-effettiv pagament;**

**Il-Qorti tordna wkoll lir-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali sabiex f'każ li din is-sentenza tgħaddi in ġudikat, jibgħat kopja tagħha lill-Onorevoli *Speaker* tal-Kamra tad-Deputati kif stabbilit fl-artikolu 242 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.**

**Il-Qorti tordna li l-ispejjeż tal-kawża għandhom jitħallsu kollha mill-intimat Avukat tal-Istat.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**